**80. Il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent jipproponi:-**

Peress illi l-Artikolu 17B ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap 356) jipprovdi li għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp li għandu jkollu l-funzjonijiet imsemmija fl-istess Att, u li għandu jkun magħmul minn ħames membri, li wieħed minnhom ikun il-Ministru, li għandu jkun ukoll iċ-Chairman tal-Kumitat, u erba' membri oħra maħtura mill-Kamra, li minnhom tnejn ikunu membri li jappoġġaw lill-Gvern u li tnejn oħra jkunu membri magħżula mill-Oppożizzjoni;

U peress illi n-naħa tal-Gvern ipproponiet bħala membri lill-Onor. Helen D'Amato u l-Onor. Tonio Fenech u n-naħa ta' l-Oppożizzjoni għażlet lill-Onor. Dr Joe Brincat u l-Onor. Perit Charles Buhagiar;

Għaldaqstant il-Kamra tirriżolvi li l-Kumitat Permanenti Dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp għandu jiġi mwaqqaf u jkun kompost kif ġej:

L-Onor. Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

L-Onor. Helen D'Amato

L-Onor. Tonio Fenech

L-Onor. Dr Joe Brincat u

L-Onor. Perit Charles Buhagiar

18.11.03